**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 10

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 14 ta' Jannar 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-5:00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Diane Abela Penza – Kunsillier
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kien hemm ħadd assenti b'aploġija

### ASSENTI:

Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

10.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm.

## 10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 09

10.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tad-disa laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. Dawn il-minuti ġew ippreparati mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv iżda ser ikunu ssa qed jiġu ffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku.

10.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Mistoqsijiet jew matters arising u ma kienx hemm.

10.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia l-minuti tad-disa laqgħa ġew approvati unanimament.

## 10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

10.3.1 Is-Sindku tkellem dwar triq id-Dejqa fejn qal li l-marki tal-parkeġġ ġew approvati għall-implimentazzjoni u poġġa fuq il-mejda l-pjanta kif giet mibgħuta u approvata minn TM. Dawn il-marki tal-parkeġġ ser ikunu qed jiġu mplementati fil-jiem li ġejjien.

10.3.2 Is-Sindku tkellem fuq ix-xogħlijiet li ser isiru minn IM fl-isqaqien: Triq il-Forn Sqaq Nru3, Triq il-Forn Sqaq Nru 6 u Triq il-Kunċizzjoni Sqaq Nru 1. Huwa spjega kif l-ġimgħa l-oħra flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kellhom laqgħa ma' IM dwar il-pjan li hemm biexi siru dawn it-tlett sqaqien bl-imprint, kif kien talab il-Kunsill xi żmien ilu. Barra l-wiċċ se jsir ukoll intervent fil-main ta' l-ilma u jsiru l-connections ġodda tad-djar. Jekk ikun il-bżonn ser issur ukoll xi tibdil fis-sistema tad-dranaġġ. Dan il-proġett ser ikun iffinazjat kollu minn IM.

10.3.3 Is-Sur Dalli tkellem dwar il-Kunsill tat-tfal fejn qal li nhar it-Tnejn li għadda flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltqagħu mal-uffiċċjal li qed tieħu ħsieb li torganizza l-Kunsill Lokali għat-tfal, ta' bejn l-eta ta' 8 sa 16 il-sena. Għal dan il-għan ser jinħareġ avviż biex jinsabu l-membri li ser jaqgħdu dan il-Kunsill (madwar 8 tfal) u għall-ewwel laqgħa ser jiġu mistiedna l-ġenituri tagħhom biex jattendu wkoll. Is-Sindku qal kif dan il-proġett ser ikun qed jieħu ħsiebu l-Kunsillier Carl Betts responsabbli mit-Tfal, Żgħażagħ u Sports.

10.3.4 Is-Sindku tkellem dwar il-proġett l-Anzjan Attiv. Huwa spjega kif flimkien mal-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu ma' rappreżentanti tal-Ministeru ta' l-Anzjani fejn tkellmu dwar il-proġett 'Anzjan Attiv'. Dawn ir-rappreżentanti taw kuntratt li fih hemm stipulat li kważi kollox il-Kunsill irid jieħu ħsieb. Huma tkellmu wkoll dwar l-użu tas-Sala Villa Lia bil-permess tal-Kappillan u riedu bil-miktub l-aċċettazzjoni tal-Kappillan. Dawn ir-rappreżentanti marru jaraw is-sala u peress li raw li qed isiru xi xogħlijiet finalment ma qablux li ssir il-launch fis-sala għal dan il-proġett. Għalhekk il-Kunsill qabel ukoll u tal-fehma li ser jibdew l-attivitajiet minn naħa tal-Kunsill biss u meta umbagħad tkun lesta s-sala, il-Kunsill jerġa jikkunsidra jidħol fi sħab mal-Ministeru għal dan il-proġett. Filfatt il-Kunsill ser jikteb lil dawn ir-rapreżentanti b'din id-deċiżjoni.

## 10.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

10.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub kien hemm tlieta mingħand il-Kunsilliera s-Sa Diane Abela Penza.

10.4.2 L-ewwel mistoqsija kienet jekk hemmx update dwar l-ispeed aċċess ħdejn iċ-ċimiterju u s-sitwazzjoni tal-pedestrian lights. Ġie mistoqsi wkoll jekk jistgħux jagħmlu monitering il-pulizija bl-ispeed guns dwar l-ispeed aċċessiv. Is-Sindku wieġeb li kif jaf kulħadd fuq iċ-ċimiterju u l-ispeed aċċessiv kemm il-darba il-Kunsill avviċina lil TM anke dwar il-pedestrian lights u saret anke press conference. Dik hija triq arterjali u l-kunsill kull ma jista jagħmel huwa li jibqa jipressa lil TM dwar din is-sitwazzjoni. Is-Sindku kompla jwieġeb li dwar l-ispeed guns, it-talba ukoll trid tiġi minn TM mal-pulizija għaliex reġgħa sostna li t-triq hija arterjali.

10.4.3 It-Tieni mistoqija li għamlet is-Sa Abela Penza, kienet dwar ir-riħa tad-dranaġġ fi Triq Ramiro Barbaro u l-ilma jinten li jkun hemm ħiereġ. Is-Sindku wieġeb kif din hija xi ħaġa li l-Kunsill ilu jaf biha u ilu li ħa azzjoni minnufih dwarha. Il-Kunsill kemm il-darba kkorrisponda mad-dipartiment tas-Sanita biex jieħdu passi kif suppost fuq din il-problema u jsibu l-persuna responsabbli. Ir-rapport mill-Kunsill sar diversi drabi u din il-materja issa f'idejn is-Sanita qiegħda.

10.4.4 It-Tielet u l-aħħar mistoqsija kienet jekk tistax titwaħħal tabella ta' pedestrian priority fi Triq Annibale Preca n-naħa ta' fejn hemm l-istatwa ta' San Ġużepp qabel tidjiq it-triq. Is-Sindku wieġeb kif huwa ma jsibx oġġezzjoni biex din titweħħel, pero il-Kunsill irid joqgħod attent għaliex kif teħel waħda kulħadd jiġi jitlob bħalha, kif ġara bil-humps, u ma jistax ikun. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid joqgħod anke attent tal-infiq u l-finanzi għaliex sar ħafna xogħol f'daqqa u filfatt staqsa jekk din it-tabella ux ta' daqshekk bżonn. Is-Sa Abela Penza qalet li tassew hemm bżonn speċjalment fir-rush hour għaliex karozzi ma jagħtux ċans lin-nies jgħaddu bil-mixi u l-Kunsillier is-Sur Betts qabel mas-Sa Abela Penza fejn qal li hu ta' spiss jgħaddi minn hemm bil-mixi u fifatt jiltaqgħa ma' din il-problem ta' sikwit. Is-Sur Dalli reġgħa sostna li ma jsibx oġġezzjoni biss kif diġa qal qabel jimplementa l-Kunsill jrid joqgħod attent.

## 10.5 Korrispondenza

10.5.1 Is-Sa Abela Penza staqsiet dwar korrispondenza numru 001101/24. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv infurmawha li resident bgħat imejl jilmenta dwar storbju li qed jiġi mis-sala tal-Kappella tal-Mirakli ta' sikwit meta jsiru xi riċivimenti privati u dwar parkeġġ ħażin fil-madwar.

10.5.2 Is-Sa Abela Penza staqsiet dwar korrispondenza numru 001106/24. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv infurmawha li dik hija imejl titratta dwar ilment ta' parkeġġ ħazin ukoll, pero din id-darba fi Triq Ġużeppi Portelli. Karozzi jipparkjawlha eżatti mal-garaxx minkejja li għandha s-sinjali.

10.5.3 Is-Sa Farrugia Muscia staqsiet dwar korrispondena numru 00010/25 li kienet bl-isem 'BCRS' u staqsiet jekk din titrattax dwar il-BCRS machine li kien qed jissielet il-Kunsill biex iġib fil-pjazza. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv wieġbu kif dik ma kienetx titratta dwar il-BCRS li qed jiprova jġib il-Kunsill iżda hija imejl mingħand ir-Reġjun biex il-Kunsill fejn jista jħeġġeġ lill-istabbilimenti privati li hemm fir-raħal biex jissieħbu aktar f'din l-inizjattiva ta' riċiklaġġ.

## 10.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji FINALI għas-sena 2025

10.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill kopja tal-Estimi Finanzjarji Finali għas-sena 2025. Kopja ta' dan ir-rapport ingħata lill-Kunsilliera kollha.

10.6.2 Is-Sindku ta spjegazzjoni ta' dan ir-rapport fil-qosor. Huwa fakkar kif għas-sena 2025 skond iċ-ċirkulari tal-allokazzjoni li ntbgħatet, il-Kunsill ma ngħatax flus tat-tipping fees li s-soltu għalihom il-Kunsill kien jingħata s-somma ta' madwar €40,000. Qal ukoll li minkejja l-ġbir tal-iskart m'għadux taħt ir-responsabbilta tal-Kunsill, il-Kunsill xorta ngħata s-somma ta' €65,155 taħt din il-kappa u ġie kklarifikat mid-Dipartiment li din is-somma tista tintuża għal xogħlijiet u spejjeż oħra li jkollu l-Kunsill.

10.6.3 Is-Sur Dalli spjega kif għas-sena 2025 il-Kunsill ser ikollu dħul ta' €365,866 li dan jikkonsisti fi €313,866 allokazzjoni mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, €29,000 dħul estimat mill-permessi, €8,000 dħul estimat minn LES u dħul ieħor li jammonta għal €15,000. Is-Sindku wara kompla jgħid li bħala nefqa l-Kunsill qed jestima li ser ikollu total ta' €401,074 li din tikkonsisti minn €136,771 pagi u salarji, €171,732 għall-operat u manutenzzjoni li jagħmel il-Kunsill, €53,071 spejjeż biex topera l-amministrazzjoni, €8,000 finance cost u nfiq ieħor li jammonta għal €31,500. Is-Sindku qal li l-infiq ieħor huwa għoli għax fih hemm inkorporat id-depreciation, u din aktar ma l-Kunsill ikun jaħdem u jagħmel proġetti, sfortunatament b'hekk tkun għolja, din hija xi ħaġa bilfors kif jaħdem l-accounts.

10.6.4 Is-Sindku kompla jaqra l-figuri u jispjega. Huwa qal li l-line item tar-repairs and upkeep ikkumparat mas-sena 2024 kellu jonqos minn €40,000 għal €30,000. Il-Kunsill għamel ħafna xogħol f'daqqa għal ċertu żmien u ssa l-Kunsill irid joqgħod allura daqsxejn aktar attent dwar x'jonfoq bħal eżempju tabelli u humps għax kollox jiswa l-flus. Il-line item tal-istreet lighting ukoll kellu jonqos. Fakkar kif il-line item li jitratta dwar il-manutenzzjoni tal-ġodda huwa għola aktar ikkumparat mas-sena 2024, sintendi għaliex huwa fakkar li l-ġardinar qed jiġi mqabbad aktar xogħol ta' tisbieħ kif approvat mill-Kunsill biex huwa ikun stazzjonat darbtejn fir-raħal jieħu ħsieb il-ġonna. Is-Sur Dalli għamel rimarka ukoll dwar il-line item tal-community fejn qal li dik is-somma mniżla esaċċ minkejja li qiegħda mniżla bħala nefqa l-Kunsill dejjem jagħmel tajjeb għaliha għaliex japplika għall-iskemi tal-gvern u b'hekk bħala finanzi dejjem jiġi pariġġ.

10.6.5 Is-Sur Dalli qal li l-FSI hija estimata 68% għas-sena 2025 li xorta hija tajba għaliex il-liġi tgħid li l-inqas li tista tkun hija ta' 10%, jekk tkun taħt it-10% tkun problema. Is-Sur Dalli għalaq l-ispjegazzjoni billi saqsa lil Kunsilliera jekk għandhomx mistoqsijiet u mistoqsijiet ma kienx hemm.

10.6.6 Dan ir-rapport ġie approvat unanimament fuq proposta tal-Kunsilliera s-Sa Abela Penza li kienet issekondatha mill-Kunsillier Betts.

## 10.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Raba' Rapport ta' kull kwart għall-perjodu Jan sa Diċ 2024

10.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dan ir-rapport ser jiġi mtella fis-seduta li jmiss peress li għadhu qed jiġi preparat mill-accountant.

## 10.8 Festival taċ-Ċitru 2025

10.8.1 Is-Sur Dalli tkellem fuq il-Festival taċ-Ċitru fejn fakkar li dan ser jerġa isir fil-pjazza. Huwa spjega l-programm finali x'ser ikun jikkonsisti fih. Huwa qal kif il-Kunsill għadu qed jemenda dan il-programm u qed jiġi rranġat mill-amministrazzjoni bħala dehra u kitba biex ikun kemm bl-ingliż u bil-malti ħalli jinftiehem minn kulħadd. Il-Kunsilliera qablu. Fil-qosor spjega kif ser ikun hemm l-istand tal-Kunsill fejn ser isir il-bejgħ tal-larinġ u ser jingħata ukoll frott b'xejn lit-tfal preżenti. Hawnhekk appella biex il-Kunsilliera jekk jistgħu jkunu preżenti fl-istand u jagħtu l-għajnuna taħghom. Qal ukoll li min jrid is-Sibt jista jmur il-Kunsill u jgħin biex jintiżen il-larinġ u jsir il-proċess fejn il-larinġ jitpoġġa bil-boroż bil-lest.

10.8.2 Is-Sindku qal li ser: tieħu sehem il-banda ta' San Pio X, ikun hemm taħdida dwar kultivazzjoni ta' siġar u xtieli, ikun hemm bħas-soltu l-mixologist u chef, tkun miftuħa d-dar mużew tas-Sur Mangion, ikun hemm it-tberik tal-annimali mill-Għaqda Festi Esterni u jieħdu sehem il-Fuklar grupp minn Għawdex. Fost aktar stall ser ikun hemm preżenti Ġmiel Bl-idejn, rokna għat-tfal (Bouncy Castle & Slide & Magic show), bejjiegħa ta' ħaxix , frott, fjuri, siġar, artiġjanat, għasel, żejt, ħwawar, qubbajt u ħelu tradizzjonali. Preżenti wkoll ser ikun hemm il-membri tal-Kavallerija tal-pulizija ta' Malta, il-Pulizija tal-komunita, Wasteserv, PFFA, Project Green, ERA u ħafna aktar.

10.8.3 Is-Sur Dalli għarraf lil Kunsilliera wkoll kif bħal ma jsir kull sena saru avviżi fil-gazzetta tal-gvern u anke tqasmu lin-nies li joqgħdu fl-inħawi tal-Pjazza biex mis-Sibt ikunu nfurmati li l-parkeġġ huwa projbijt mill-Pjazza.

10.8.4 Wara li ngħatat spjegazzjoni dwar il-programm, is-Segretarju Eżekuttiv qrat lista ta' spejjeż marbutin ma' dan il-festival. Fost l-ispejjeż kien hemm imniżżel: Banner (€365.80), Servizz ta' Fotografu (€200.00), Sistema ta' Sound (€206.50), Servizz tal-Banda (€590.00), Kiri ta' żewġ bouncy castles (€610.00), Trasport tal-Kanizatti (€80.00) Servizz Ġmiel bl-idejn (€490.00), Xiri ta' hoodies (€134.17), Servizz ta' kennis( €82.60), Servizz ta' organizer (€324.50), Fuklar Grupp (€480.00), Servizz ta' Security (€472.00), Kiri ta' Gazebo, Truss Frame, 13-il umbrella, 3m cable ramps, 100 siġġijiet u 20 mejda (€2,572.40), Kiri ta' Trellis (€150.00) u Magician (€150.00) etċ. Ma' dawn l-ispejjeż is-Segretarju Eżekuttiv fakret kif hemm l-ispiża wkoll tal-pulizija għal boun ordni u kavallerija u kif wkoll tal-uffiċċjali tal-komunita. Is-Sindku qal kif ukoll forsi jkun hemm spiża ta' videographer biex jiġbed video bi drone tal-attivita. Dawn l-ispejjeż kollha ser ikunu koperti mill-iskema tal-Gvern tal-attivitajiet kulturali. Il-Kunsillera kollha approvaw l-ispejjeż kollha involuti.

10.8.5 Is-Sindku qal kif kemm il-darba fl-aħħar minuti jkun hemm xi tibdil fil-programm jew spejjeż oħra addizjonali ser jitħadtuhom urġenti flimkien huwa u s-Segretarju Eżekuttiv u tittieħed deċiżjoni mill-ewwel biex bl-ebda mod ma jiġi affetwat ħażin il-planning għal din l-attivita, umbgħad jinfurmawhom. Il-Kunsilliera qablu.

## 10.9 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

10.9.1 <u>Imejl Street naming committee – Sqaq ta' Sejduna, Ħal Lija</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-istreet naming committee fejn kellhom talba biex jingħataw in-numri tal-bibien fi Sqaq ta' Sejduna. Din it-talba ma ġietx milqugħa mill-istreet naming committee għaliex għadt hemm ħafna għelieqi. Fl-istess waqt l-istreet naming committee ġibdet l-attenzjoni tal-kunsill li hemm żewġ trejqiet f'dan l-isqaq mingħajr isem u qed titlob lil kunsill biex jibgħat il-proposti tiegħu biex dawn jingħataw isem.

Is-Segretarju Eżekuttiv iċċirkulat site plan immarkatha kif mibgħutha mill-istreet naming committee u għamlet referenza għal dawn iż-żewġ trejqiet li m'għandhomx isem. Il-Kunsill iddeċieda li għandhom jaħsbu dwar il-proposti tal-ismijiet u din il-materja ser terġa titella għad-diskussjoni fi seduta oħra.

10.9.2 Talba mingħand is-surmast dwar ħlas għal użu tas-sala tal-iskola – Keep fit classes

Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil kulħadd kif il-keep fit classes m'għadhomx qed isiru fis-sala Villa Lia minħabba l-manutenzzjoni li qed issir. Dawn qed issiru fis-sala tal-iskola kull nhar ta' Ħamis bil-permess tas-surmast. Il-Kunsill peress li huwa entita governattiva skond il-kuntratt mhux intitolat iħallas tal-użu tas-sala, pero is-surmast staqsa jekk xorta tistax tingħata xi għajnuna finanzjarja żgħira.

Is-Segretarjtu Eżekuttiv qalet kif is-surmast infurmaha li s-sala għal terzi persuni oħra tinkera bil-prezz ta' 50 Eur is-siegħa. Hija staqsiet lil Kunsill jekk jixtieqx li jaċċedi għal din it-tajba.

Is-Sindku ssuġerrixa li għandu jingħata nofs l-ammont, li huwa dak ta' 25 EUR u l-Kunsilliera kollha qablu dwar dan. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb tinforma lis-Surmast.

10.9.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni - Tindif is-Salvatur il-Qadim

Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku għarfu lil kunsilliera kif kemm bżonn issir tindifa s-salvatur il-qadim kemm ġewwa kif ukoll il-ħamrija u anke jinżabar iż-żebbuġ, issa li x-xogħol ta' restawr lest.

Is-Sindku qal kif rigward il-ħamrija sab voluntier biex jgħinu b'dak li hemm bżonn isir u dwar l-iżbir taż-żebbuġ ser tintalab l-għajnuna mingħand il-ġardinar tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel li ssir it-tindifa meħtieġa.

10.9.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Spiża addizzjonali Ġnien Ċentru Rikreattiv

Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku kif diġa sar ressqu fuq il-mejda għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Kunsill talbu biex jiżdied is-servizz tal-ġardinar speċjalment fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv għal darbtejn fil-ġimgħa għat-tlett xhur li ġejjien (Jannar sa Marzu) bil-prezz ta' €531.00 fix-xahar. Din l-ispiża li biha ser titjieb d-dehra tal-Ġnien Ċentru Rikreattiv ser tkun qed tittieħed mill-flus li l-kunsill iffranka mill-ġbir ta' l-iskart.

Il-Kunsill kollu ħa nota u approva din l-ispiża.

## 10.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

10.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 01/25 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €72.00 għax-xahar ta' Diċembru 2024.

10.10.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 01/25) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Minority Leader Lorraine Farrugia Muscia li kienet issekondatha mill-Kunsillier Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 10.11 Mozzjonijiet

10.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif mozzjonijiet ma kienx hemm.

## 10.12 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

10.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skond l-aġġornamenti li tibgħat it-town planner, hemm applikazzjoni waħda li dwarha l-Kunsill ingħata suġġeriment biex jikteb ittra ta' rappreżentazzjoni – PA 08657/24 – 14, 16 Triq Giuseppe Cali, Lija.

10.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat dwar xiex titratta din l-applikazzjoni u staqsiet lil Kunsill kollu jekk jixtieqx jipproċedi billi jikteb lil l-Awtorita kif ġie ssuġġeriet mit-Town planner. Il-Kunsill iddeċieda li jgħid lit-town planner tikteb ittra ta' rappreżentazzjoni.

## 10.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

10.13.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

10.13.2 Il-Viċi Sindku, Calcedonio Cini, qal kif dwar dak li diġa kkomunika s-Sindku fuq l-inizjattiva l-Anzjan Attiv, huwa bħalissa qed jieħu ħsieb jorganizza ħarġa għall-anzjani l-Mellieħa. Din il-ħarġa ser issir fi 29 ta' Jannar fejn kull min jattendi ser ikollu ċ-ċans iżur u jkun jaf l-istorja dwar il-każin tal-Mellieħa, ser iżuru xi shelters u kif ukoll il-mużew tat-tunnara. Fi Frar it-tijr umbgħad huwa li ssir talk pero xejn għadu mhu pjanat u alissa ser jiffoka dwar l-ippjanar tal-ħarġa kulturali lejn il-Mellieħa.

10.13.3 Il-Viċi Sindku nforma lis-Sindku kif avviċinah xi ħadd mit-tennis klabb biex jinżabru s-siġar li għandhom jagħtu għal ġot-tennis court għaliex ilhom jitolbu li jsir l-iżbir tagħhom. Is-Sindku, s-Sur Dalli qal li l-iżbir ta' dawn is-siġar ilu li sar u biex jinforma lir-rappreżentant tat-tennis li avviċinah dwar dan.

10.13.4 Il-Viċi Sindku qal li hemm bankina mkissra fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, viċin il-Kunsill l-antik biex naraw jekk il-Kunsill jistax jirranġaha jew jekk hija privata ninfurmaw lil min huwa responsabbli biex jagħmel il-manutezzjoni meħtieġa qabel jweġġa xi ħadd.

10.13.5 Il-Kap tal-Minoranza, Lorraine Farrugia Muscia, qalet li bħala l-Kunsilliera responsabbli mill-annimali, ġiet avviċinata mill-Ministeru biex issir talk ta' informazzjoni lil cat feeders tar-raħal dwar ir-riforma il-ġdida tal-annimali, id-drittijiet li huma għandhom u kif ukoll ċertu benefiċċji li jistgħu jibbenifikaw minnhom. Il-Persuna li kellima mill-Ministeru qalla li kemm il-darba jaqbel il-Kunsill din it-talk tista ssir fi Frar jew fil-21 jew fit-28 bejn 10:00am sa 12:0pm. Il-Kunsill qabel li din it-talk għandha ssir u bħala data intażgħlet it-28. L-amministrazzjoni ser tieħu ħsieb tinforma lil cat feeders irreġistrati biex kull min huwa nteressat jattendi.

10.13.6 Wara s-Sa Farrugia Muscia tkelmet dwar iz-zuntier u staqsiet jekk dan jistax jitnaddaf minkejja li suppost il-kappillan responsabbli mill-indafa tiegħu. Hija qalet li hemm wisq ħmieġ tal-ħamiem. Is-Sindku wieġeb kif tindif minn naħa tal-Kunsill sar kemm il-darba. Il-Kennis ta' spiss jarah jiknes fuq iz-zuntier u ġieli anke marru jiknisu u jnaddfu l-ħaddiema tal-Kunsill stess. Il-Kunsill ġieli anke naddaf bi power wash pero meta tnaddaf bil-power wash kien hemm tgergir min-nies li waqaf l-ilma quddiem il-propjeta tagħhom. Is-Sur Dalli qal kif din il-problema tal-ħmieġ tal-ħamiem qed tiġi tackled mill-aħjar kemm jista jkun.

10.13.7 Il-Kunsilliera s-Sa Abela Penza, tkelmet dwar il-first aid course li qed tiprova torganizza għar-residenti b'xejn ma' JobsPlus. Hija tat update li dan il-kors jista jsir jew filgħodu minn 8:30am sa 14:30pm jew inkella filgħaxija minn 14:30pm sa 19:00pm u jkollu tlieta jew erba session b'kollox. Il-Minimu ta' nies li jistgħu jattendu huwa ta' 25 u b'inqas ma jsirx. Qalet ukoll kif l-ewwel availability biex issir dan il-kors huwa fi Ġunju jew Lulju. Is-Sindku qal lis-Sa Abela Penza biex jekk filkas tiprova tmexxi biex isiru l-arranġament għal Ġunju u naraw jekk jkunx hemm residenti mħajra li jattendu umbgħad.

10.13.8 Il-Kunsillier Carl Betts informa lis-Sindku kif wara li jgħaddi l-Festival taċ-Ċitru, is-sezzjoni żgħażagħ tal-festi ta' barra jixtiequ jiltaqgħu miegħu. Fuq nota oħra qal li avviċinatu rappreżentanta mill-PFFA dwar xi proposti li diġa kelmet lis-Sindku dwarhom. Is-Sindku s-Sur Dalli ħa nota dwar il-meeting mas-Sezzjoni żgħażagħ u nfurmah li meta jridu jistgħu jinfurmawh bi data u jiltaqgħu. Dwar il-proposti tal-PFFA huwa qallu li diġa huwa nfurmat.

10.13.9 Il-Ħin kien 6:45pm x'ħin intemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 18 ta' Frar 2025 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fil-5:00pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tlieta 18 ta' Frar 2025.

IFFIRMAT
Anthony Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Pamela Seguna
Segretarju Eżekuttiv